**12 ta' Frar, 1988**

**Imħallfin: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – Aġent President**
**Onor. Wallace Ph. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

*Joseph Mary Farrugia*

*versus*

Gontran Borg *noe*

## Self – *Overdraft Facilities* – Bank – Imgħax – Imgħax Kompost – Prattika Bankarja – Konswetudini tal-Kummerċ

*Kawża fejn l-attur talab dikjarazzjoni li ma fadallu jagħti xejn lill-Bank u sabiex tiġi ordnata l-kanċellazzjoni ta' Ipoteka.*

*Interessanti r-riflessjonijiet u insenjamenti tal-Qorti ta' l-Appell dwar meta seta' jingħad illi l-kont ta' l-attur ingħalaq u ġie tterminat l-ammont in kwistjoni ġie kristallizzat bil-konsegwenti implikazzjoni fuq il-komputazzjoni ta' l-ammonti dovuti.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u laqgħet it-talbiet attriċi.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur wara li ppremetta li fil-Volum ta' l-Ipoteka fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta tinsab iskritta nota ipotekarja ġenerali, irreġistrata bin-numru 10381/1969, kontra l-attur a favur il-*"Bank of Valletta Limited"* bħala Bank suċċessur ta' *"Tagliaferro Bank Limited"*, fis-somma ta' sitta u erbgħin elf lira Maltija (Lm46,000.00,0) naxxenti minn kuntratt ta' kont kurrent *(overdraft)* ippubblikat min-Nutar Dottor Francis Micallef fis-17 ta' Settembru, 1969 (Dok. "A"), rappresentanti tali ammont ta' Lm46,000 il-limitu massimu ta' faċilitajiet bankarji konċessi mill-istess konvenut nomine lill-attur; u billi llum però kif jiġi anke ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, stante illi l-attur ħallas l-ammonti kollha minnu dovuti, l-ebda ammont ulterjuri ma huwa minnu dovut lill-konvenut *nomine* fuq l-imsemmi kont kurrent *(overdraft)*, liema kont kurrent kien ġie tterminat mill-konvenut *nomine* f'Mejju, 1971, b'mod illi b'effett minn tali data l-attur ma għamel ebda użu ulterjuri mill-

faċilitajiet ta' l-*overdraft* lilu oriġinarjament mogħtija u ma ġibed ebda flus oħra mill-Bank konvenut; u billi nonostante li llum ma baqagħlu jieħdu ebda ammont ieħor mingħand l-attur u minkejja li ġie interpellat diversi darbi, il-konvenut *nomine* naqas milli jagħti l-kunsens tiegħu għall-kanċellazzjoni ta' l-imsemmija nota ta' Ipoteka Ġenerali nskritta fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fil-Volum ta' l-Ipoteki bin-numru 10381/1969 favur il-Bank konvenut u kontra l-attur; l-istess attur talab li għar-raġunijiet premessi: (1) din il-Qorti tiddikjara u tiddeċidi illi llum l-ebda ammont kwalsiasi ma huwa dovut mill-attur lill-konvenut *nomine* fuq il-kont kurrent *(overdraft)* lilu oriġinarjament konċess mill-istess konvenut *nomine* in forza taċ-ċitat Att ippubblikat min-Nutar Francis Micallef tas-17 ta' Settembru, 1969, u kkawtelat permezz ta' l-indikata Nota ta' Ipoteka Ġenerali, numru 10381/1969, u (2) b'konsegwentement din il-Qorti tordna l-kanċellazzjoni ta' l-istess imsemmija nota Ipotekarja numru I 10381/1969 sa llum iskritta fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta kontra l-attur a favur il-konvenut *nomine;* bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine*, u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti mill-attur kontra l-konvenut *nomine* għar-rifużjoni ta' kull eventwali ammont imħallas in aċċess mill-istess attur lill-konvenut *nomine* fuq indikat kont kurrent *(overdraft);*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa;

Illi d-domandi ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda billi l-attur għadu debitur tal-konvenut *nomine* fis-somma ta' erbat elef u tmienja u sittin lira maltija sitta u għoxrin ċenteżmu u erba' milleżmi (*Lm*4,068.26,4) oltre l-imgħaxijiet mid-19 ta' Diċembru, 1979, sad-data ta' l-effettiv pagament – kif jidher ukoll mill-kopji tal-kont kurrent ta' l-

attur mal-konvenut *nomine* hawn annessi u mmarkati Dok. X1 – X14;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Novembru, 1985 li biha ddeċidiet il-kawża billi fis-sens premess fl-istess sentenza hija laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* u konsegwentement ċaħdet it-talbiet ta' l-attur – bl-ispejjeż kontra l-istess attur u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej u ċjoè:

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża huma fil-qosor is-segwenti:

B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Francis Micallef tas-17 ta' Settembru, 1969 *(a folio 7 et seq.)* l-attur talab u ottjena minn *Tagliaferro Bank Limited* (li bis-saħħa ta' l-Att XLV ta' l-1973 issubentra għalih il-*Bank of Valletta Limited* konvenut f'din il-kawża) *"overdraft facilities"* sa l-ammont massimu ta' Lm46,000 taħt il-kondizzjonijiet li solitu jiġu imposti fosthom:

a) li din il-konċessjoni ma timplika ebda dritt favur il-konċessjonarju iżda tibqa' dejjem diskrezzjonali għall-bank;

b) li l-imgħax jiġi kkalkolat "on daily debit balances" u dan *"in accordance with recognised banking practice"*;

ċ) li l-Bank ikollu d-dritt f'kull żmien li jsejjaħ lill-konċessjonarju *"to settle his indebtedness to the Bank and to pay the balance due in his account"* b'sempliċi ittra;

d) *Li l-obbligazzjonijiet tal-konċessjonarju jkunu "continuing"* sakemm jibqagħlu l-kont mal-bank u l-ipoteka maħruġa in garanzija għal dawn l-obbligazzjonijiet tibqa' veljanti;

Imbagħad, b'garanzija għall-puntwali osservanza tal-pattijiet tal-konċessjoni u ta' l-eventwali ħlas ta' kull ammont li jkun jirriżulta fl-aħħar dovut lill-Bank, inħarġet kontra l-attur ipoteka ġenerali *numru 10381/1969*;

Ġew esebiti a fol. 16 sa 29 kopja tal-kont kurrent ta' l-attur *mal-bank konvenut li minnhom jirriżulta:*

a) fit-23 ta' April, 1971, il-kont ġie addebitat b'*cheque* li ħareġ l-attur b'mod li l-kont kurrent ġie "*overdrawn*" oltre l-massimu ta' Lm46,000 stipulat fil-kuntratt imsemmi *tas-17 ta'* Settembru, 1969, billi l-kont kien juri "*debit balance*" ta' Lm47,685;

*b*) sa April, 1971, il-kont tħaddem regolarment mill-attur skond il-ħtiġijiet tiegħu u l-aħħar *cheques* li ġibed fuq il-kont kienu dawk esebiti a fol. 82 u 83 datati 4 ta' Mejju, 1971 u 8 ta' Mejju, 1971 li ġew imsarrfa minn terzi fil-21 ta' Ottubru, 1971 u 8 ta' Mejju, 1971, u li ġew addebitati fil-kont ta' l-attur rispettivament fit-22 ta' Ottubru, 1971, u fl-10 ta' Mejju, 1971. Irriżulta li fit-22 ta' Ottubru, 1971, il-kont kien juri bilanċ ta' debitu ta' Lm49,674;

ċ) bejn *din l-aħħar* imsemmija data u t-13 ta' Frar, 1975, l-attur la għamel depożitu u lanqas ħareġ *cheques* fuq il-kont imsemmi, però l-bank konvenut baqa' jiddebita l-kont kull sitt xhur *bl-interessi komposti tat-8% fis-sena skond il-prattika*

bankarja relattiva u bil-*ledger fees*. Il-bilanċ għad-debitu fil-kont sar Lm65,395;

d) Fit-13 ta' Frar, 1975 l-attur iddepożita s-somma ta' Lm6000 u jidher li l-kont baqa' jiġi akkreditat b'ammonti sostanzjali versati mill-attur fil-kont b'mod li tenut kont ta' l-interessi komposti u *ledger fees* li baqgħu jiġu addedbitati fil-kont, dan kien jirreġistra bilanċ għad-debitu ta' Lm4066 fid-19 ta' Diċembru, 1979;

Illi l-attur jikkontesta li hu fil-fatt għandu jagħti dan l-ammont lill-Bank konvenut. L-attur isostni li ħallas l-ammonti kollha dovuti minnu u għalhekk hemm lok li tiġi kkanċellata l-ipoteka imsemmija iskritta kontra l-attur a favur il-konvenut *nomine*. L-attur jibbaża din il-pretensjoni tiegħu fuq l-allegazzjoni li l-kont kurrent imsemmi "kien ġie tterminat mill-konvenut *nomine* f'Mejju, 1971, b'mod li b'effett minn tali data l-attur ma għamel ebda użu ulterjuri mill-faċilitajiet ta' l-*Overdraft* lilu oriġinarjament mogħtija u ma ġibed ebda flus oħra mill-bank konvenut". L-attur isostni li nonostante illi l-kont kurrent ġie tterminat fid-data msemmija, il-konvenut baqa' u għadu sa llum jiddebita l-istess kont kurrent b'imgħaxijiet li ġew regolarment ikkalkolati bis-sistema bankarja dwar *overdrafts* billi l-imgħaxijiet ġew miżjuda kull sitt xhur fuq il-bilanċ li jkun dovut ta' kuljum, u bil-*ledger charges* relattivi. L-attur isostni li dan ma hux permess mil-liġi u mid-data tat-terminazzjoni tal-kont kurrent il-Bank konvenut kien intitolat biss għall-interessi sempliċi u mhux komposti. L-attur jippretendi li fil-fatt huwa ħallas ammont sostanzjali in eċċess għal dak debitament dovut lill-Bank;

Illi l-Bank konvenut jikkontesta l-pretensjonijiet ta' l-attur

billi jsostni li l-attur kien debitur tiegħu fl-ammont ta' Lm4068.26,4, oltre imgħaxijiet ulterjuri. Il-Bank jiċħad li l-kont kurrent ġie tterminat f'Mejju, 1971 u żied jgħid lil hu kellu kull dritt li ma jħallix lill-attur joħroġ aktar *cheques* meta dan oltre passa l-limitu *miftiehem* bejn il-partijiet. Il-Bank jippretendi wkoll li kellu kull dritt li jesiġi u jiddebita l-kont b'imgħaxijiet komposti;

Illi l-għaref Perit Legali ġabar il-provi tal-kontendenti u eżamina tliet lanjanzi ta' l-attur għall-mod kif ġie maħdum il-kont. Dwar il-lanjanza prinċipali ta' l-attur u ċjoè li l-kont kurrent ġie tterminat fid-data msemmija, il-Perit Legali wasal għall-konklużjoni li l-konvenut *nomine,* wara Mejju, 1971 ma kienx aktar iġġustifikat li jkompli jikkonsidra l-kont ta' l-attur *"in operation"* sabiex ikompli jiddebitah bl-imgħaxijiet komposti rregolati a bażi ta' l-użu bankarju. Il-Perit irrelata li l-kont ta' l-attur, wara Mejju, 1971, ma kienx aktar "fil-kors tiegħu", u, minn dak iż-żmien, l-imgħaxijiet kellhom jiġu kkalkolati bir-rata ta' 8% fis-sena bħala nteressi sempliċi bis-sistema normali stabbilit fil-Kodiċi Ċivili. Il-Perit Legali kkomputa l-interessi sempliċi a skaletta u kkonkluda li fil-mument tal-preżentata taċ-ċitazzjoni 18 ta' Frar, 1980 l-attur kellu *credit balance* favur tiegħu ta' Lm677.32,4;

Illi dwar iż-żewġ lanjanzi l-oħra ta' l-attur, il-Perit Legali kkonkluda li waħda minnhom kienet iġġustifikata u ċjoè li l-Bank għamel ħażin li għamel *"breaking"* ta' żewġ *fixed Deposits* li kellu l-attur fit-13 ta' Frar, 1975 u kkredita s-somma ta' Lm6000 meta seta' faċilment stenna l-istess *Fixed Deposits* jimmaturaw u b'hekk ma kienx itellef is-somma b'Lm300 interessi lill-attur. Il-lanjanza l-oħra ta' l-attur u ċjoè li l-addebitamenti li sar fil-kont fit-8 ta' April, 1976 ta' Lm403.32,5, rappresentanti d-

drittijiet professjonali li l-Bank ħallas lill-Perit Carmelo Falzon *"in respect of valuatioin of the property backing the present indebtedness"* ta' l-attur, ma kienx messu sar, ma ġietx aċċettata mill-Perit Legali peress li l-Bank f'dan ir-rigward mexa skond id-dritt tiegħu;

Illi dawn l-aħħar imsemmija żewġ lanjanzi ta' l-attur setgħu forsi tħallew għal kollox barra l-kawża peress li waħedhom ma jbiddlux tant il-posizzjoni li tiddependi unikament fuq jekk il-bank kienx iġġustifikat jew le li jaddebita imgħaxijiet komposti wara Mejju, 1971. Però, la ssemmew, din il-Qorti, tista' tgħid li taqbel mal-konklużjonijiet li rraġġunġa l-Perit Legali dwar l-istess. U dan għar-raġunijiet li ta l-istess Perit Legali jidhru biżżejjed konvinċenti li jagħmlu kull kumment ieħor superfluwu. Madankollu, l-Qorti tħoss li għandha tiddisassoċja ruħha mill-osservazzjoni li għamel il-Perit Legali li l-operat tal-Bank dwar ir-realizzazzjoni taż-żewġ *fixed deposits* imsemmija kienet ħaġa li *"Borders on malice"* u dana peress li fil-kumpless taċ-ċrikostanzi tal-każ tali osservazzjoni jidhrilha li ma kienx hemm lok li ssir;

Illi wara li eżaminat bir-reqqa r-relazzjoni peritali referribilment għal-lanjanza prinċiplai msemmija ta' l-attur, fid-dawl tan-noti ta' osservazzjonijiet li skambjaw bejniethom l-abili difensuri tal-kontendenti, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li ma tistax tikkondividi l-konklużjoni tal-Perit Legali li l-kont kurrent ta' l-attur ma kienx aktar "fil-kors tiegħu" wara Mejju, 1971 u li l-Bank minn dak inhar ma kienx aktar ġustifikat li jaddebitah bl-imgħaxijiet komposti skond l-użu bankarju tal-kont kurrent;

Illi l-għaref Perit Legali beda l-indaġini tiegħu dwar il-

kwistjoni ta' l-interessi b'dawn l-osservazzjonijiet:

"Il-liġi tagħna tpoġġi limiti għalkemm wieħed jista' jżomm imgħax u tippreskrivi li kull imgħax miftiehem f'iżjed mill-massimu ammess minnha għandu *jinġi mnaqqas* sal-limiti stabbilit. Mhux biss, iżda "kull kuntratt, **taħt kull isem li jkun,** magħmul b'qerq tad-disposizzjoni msemmija, jista' jitħassar (*is-subject to rescission)" (art.* 1948 u 1949 tal-Kodiċi Ċivili). Band'oħra ta' l-istess liġi (art. 1185) jingħad "*expressis verbis*" li l-imgħaxijiet fuq imgħaxijiet (l-hekk imsejħa "imgħaxijiet *komposti*") *ma* jistgħux jintalbu ħlief wara li jkunu skaduti u mill-ġurnata ta' talba ġudizzjarja jew b'konvenzjoni posterjuri, purchè, sija fl-ewwel każ kemm fit-tieni ipotesi, l-imgħaxijiet ikunu dovuti għal żmien ta' mhux anqas minn sena;

Il-leġislatur patriju kien dejjem ġeluż li jirreprimi l-usura u l-Qrati dejjem irritenew li konvenzjoni affetta bl-użura hija, għal dak li jirrigwarda l-użura, *nulla* **b'mod assolut,** *jiġifieri* ineżistenti billi illeċita għax ipprojbita mil-liġi (ara fost oħrajn is-sentenzi riportati fil-Volum 32-I-263, 39-I-366, u 45-I-127). L-użura hi materja *"che appartenga all'ordine pubblico"* tant li, anki għalina hi użura, jekk tiġi mitluba l-esekuzzjoni tal-kuntratt f'Malta, il-Qorti Maltija ma takkordax l-esekuzzjoni għall-użura (Vol. 30-II-288). Saħansitra fl-azzjoni kambjarja fejn b'liġi espressa (art. 253, 255 tal-Kodiċi tal-Kummerċ) m'hi permessa ebda eċċezzjoni kontra l-ħlas ta' l-import li jidher fuq wiċċ il-kambjala, il-Qrati dejjem daħlu biex jindagaw, meta jiġu hekk mitluba, jekk il-kambjala kinitx "imċappsa bl-użura" (Vol. 31-I-507);

Kontra din ir-riġiditezza, saret **eċċezzjoni** għal dak li

jirrigwarda l-użu bankarju fil-każ ta' kont kurrenti: *"le disposizioni" delle leggi che determinano un limite all'interesse nel mutuo non sono applicabili al contratto di apertura di credito, perchè propriamente il contratto di apertura di credito non è un contratto di mutuo e l'intera schiera diversamente, prese assieme, non cosituisce un mutuo riunito"* (Vol. 18-III-53). F'dan il-każ *"è lecito di capitalizzare gli interessi perchè producano nuovi interessi secondo l'usu commerciale per un termine minore di un anno"* (Vol. 26-III-63). Ir-raġuni għal dan id-differenzjament jingħad li bi bbażata fuq il-prinċipju ta' l-indiviżibilità li jikkaretterizza l-kont kurrent *"che si oppone a che il saldo possa considerare composto in parte di una somma rappresentante gli interessi"* (Vol. 27-I-826);

Il Giorgi jibbażaha fuq l-*"usi è consuetudini"*, *"se poi ci si domanda, in che consistono siffatti usi e consuetudini, rispondiamo esser cosa da un dichiararsi in due parole. È una ricerca che solo i trattatisti speciali di diritto commerciale possono convenientemente istituire. A noi basta il ricordare, comè la più notevole di queste consuetudine concerne il conto corrente: dove è lecito pattuire che gli interessi della somma risultanti a debito, per dirlo con parola commerciale, di un correntista, siano capitalizzati a favore dell'altro correntista a brevi scadenze periodiche" ("Obbligazioni"* Vol. II p. 213);

Dan kollu jfisser fil-fehma ta' l-esponenti li l-eżenzjoni, għall-kuntratt ta' kont kurrent, mir-regoli stretti u preċiżi li jirrigwardaw l-imgħaxijiet komposti, imposti fil-liġi ċivili, m'hix ħlief **derogazzjoni għal-liġi skritta** bbażata fuq *"usi e consuetudini"* u bħala tali, għandha tkun miżmuma fil-limiti ġusti tagħha";

Illi din il-Qorti taqbel ma' dawn l-osservazzjonfijiet tal-Perit Legali. Però, jidhrilha li għandha tirrileva li dwar l-aħħar imsemmi paragrafu jidher li l-Perit Legali ma attribwiex lill-konswetudini kummerċjali l-importanza li tistħoqqilha. Infatti, huwa risaput li fil-liġi kummerċjali d-disposizzjonijiet tal-Liġi Ċivili ma humiex applikabbli awtomatikament iżda biss dment li ma jkunx hemm disposizzjoni tal-liġi kummerċjali *"ad hoc"* jew użu tal-kummerċ. L-artikolu 3 tal-Kodiċi tal-Kummerċ espressament jgħid:

"F'*affarijiet ta'* kummerċ, tgħodd il-liġi tal-kummerċ: Iżda, fejn din il-liġi ma tiddisponix, jgħodd l-użu tal-kummerċ, u fin-nuqqas ta' dan l-użu, tgħodd il-liġi Ċivili";

Mela, l-użu tal-kummerċ, inkluż l-użu bankarju rikonoxxut għandu jipprevali fuq id-disposizzjonijiet tal-liġi Ċivili;

Illi t-Tribunali tagħha rrikonoxxew il-konswetudini tista' tgħid universali fil-kont kurrent bankarju l-imgħax jiġi komputat kull sitt xhur (jew terminu anqas) fuq il-bilanċ li jkun dovut ta' kuljum. Huwa paċifiku wkoll li jekk jirriżulta li l-kont kurrent bankarju jisfa tterminat dan is-sistema ta' komputazzjoni ta' imgħax ma jibqax japplika u minflok, mat-terminazzjoni tal-kont kurrent ikunu dovuti biss imgħaxijiet sempliċi;

Illi l-Perit Legali wasal għall-konklużjoni li l-kont kurrent ta' l-attur ġie tterminat f'Mejju, 1971, peress li a) bħala fatt l-attur ma ġibidx aktar *cheques* wara dik id-data u b) peress li wara dik id-data l-Bank dejjem insista għall-ħlas tal-bilanċ, kif jirriżulta mill-ittri esibiti;

Illi bir-rispett kollu, jidher li l-Perit Legali ma tax

importanza debita għall-fatt tant sinifikanti li l-attur f'Mejju, 1971 qabeż il-limitu ta' l-*Overdraft facility* miftiehem u sussegwentement mhux talli ma rregolarizzax il-posizzjoni tiegħu skond il-kuntratt tas-17 ta' Settembru, 1969, iżda għall-ċirka erba' snin ħalla d-debitu tiegħu jikber u jiżdied għal aktar minn Lm65,000 u b'hekk ġie li qabeż il-limitu massimu ta' l-*Overdraft* konvenut b'ammont verament sostanzjali;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Bank kien pjenament in regola li jwaqqaf lill-attur milli jkompli joħroġ aktar *cheques* li jżidu d-dejn tiegħu, wara Mejju, 1971. Dana l-impediment impost mill-Bank kien naturali li jsir u bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat li bih il-kont kurrent bankarju ġie tterminat, peress li l-immissjoni ta' *cheques* m'hijiex xi *"sine qua non"* għall-eżistenza ta' kont kurrent. Dana jingħad għaliex faċilment jistgħu jirrikorru sitwazzjonijiet fejn *cheques* ma jkunux jistgħu jinħarġu għal xi raġuni jew oħra. Dan il-fatt waħdu fil-fehma tal-Qorti, ma jbiddilx l-indoli jew in-natura tal-kont kurrent li xorta waħda jibqa' *in vigore;*

Illi fil-każ odjern l-attur eċċeda l-limiti ta' *overdrafts* u għal snin sħaħ la ħareġ *cheques* u lanqas għamel depożiti. Illi dana l-operat ta' l-attur ma kienx in regola mal-ftehim, peress li l-attur kien messu jottempera ruħu mal-ftehim billi jagħmel depożiti tempestivament biex hekk jiġi taħt il-limitu ta' l-*overdraft* u jkun jista' jerġa' joħroġ *cheques.* Illi l-attur ma għażilx li jittermina l-kont tiegħu mal-bank għaliex biex jagħmel hekk l-unika triq miftuħa għalih kienet li jħallas il-bilanċ addebitu fil-kont lill-Bank. Lanqas il-Bank ma ried li l-attur jagħlaq il-kont għaliex kieku l-Bank kien jaf jagħmel *"call in"* kif soltu jsir meta l-Bank jibgħat ittra uffiċjali u jsegwiha b'att ta' ċitazzjoni;

Illi l-fatt l-ieħor li juri li l-kont kurrent ta' l-attur ma ġiex itterminat hu pprovdut *mill-fatt* li kull sitt xhur il-Bank kien jibgħat *"statement"* lill-attur. Minn dawn l-*istatements* kien jidher ċar li l-Bank kien qiegħed jaddebita l-kont b'interessi komposti bħal qabel. Il-fatt li wara Mejju 1971 l-attur ma pprotesta xejn dwar dan, ħlief ftit qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna, jindika li l-attur aċċetta taċitament l-operat tal-bank li dejjem qies li l-kont kurrent ta' l-attur baqa' jeżisti. Ċertament il-liġi (ara artikolu 1036 Kodiċi Ċivili) tesiġi li l-kuntratti jiġu esegwiti bil-*buona fidi* u ma jidhirx li l-attur jista' meta jfettillu (wara li jkun għamel *snin sħaħ* jusufruwixxi kull kreditu li tah il-bank li **apertament** kien qed jitħallas b'imgħax kompost) f'daqqa waħda jippretendi li ma baqax marbut aktar ma' l-użu bankarju in materja sempliċement għax ma ħariġx aktar *cheques* – ħaġa li ma setax jagħmel għax meta eċċeda l-limitu ta' l-*overdraft* naqas li tempestivament jakkredita l-kont b'mod li jiġi in regola mal-ftehim;

Illi huwa risaput illi f'ċirkostanzi normali kont kurrent bankarju jiġi tterminat jew bi ftehim reċiproku jew anki unilateralment basta dak li jkun jottempera ruħu mar-regoli li jirrigwardaw il-materja. Fit-*Test "The Law and Practice of Banking"*; Volume I – *"Banker and Customer"* (J. Milnes Holden, LL.B., Ph.D.AIB – *Pitman Publishing – 1970)* jingħad hekk fuq it-tema ta' *'closure of account'*: (paġni 87 sa 90):

*"A customer may close a current account which is in credit by demanding repayment of the balance due, less accrued Bank Charges.....If a customer wishes to close his current account at a time when it is overdrawn, he may do so by repaying the overdraft, together with accrued bank charges....;*

*3.11. A Banker who wishes to cease transacting business for a customer must usually give that customer reasonable notice, and the period of notice must be long enough to enable the customer, having regard to all the surrounding circumstances, to make alternative arrangements;*

*3.12. If, however, the customer is using his account for some unlawful purpose, it cannot possibly be the law that the bank is under an obligation to give him sufficient notice to enable him to make other arrangements to carry out that unlawful purpose; either no period of notice at all, or a purely nominal period of twenty four hours' notice, would suffice to put an end to the relationship of banker and customer in a case of that sort;*

*3.13. The view of McCardie, J., in Prosperity Ltd. vs Lloyds Bank Ltd. (supra) that a banker has a right to close at any time an account which is in debit, is with respect, one which may require further consideration. Depending upon the circumstances, a bank may be entitled to demand repayment of an overdraft forthwith, but this is very different from closing the account. A banker would be very imprudent if he called in an overdraft to close an account and then, prior to the expiry of a proper period of notice, he dishonoured cheques which the customer was prepared to cover by paying in cash. It is one thing to call in an overdraft; it is quite another matter to withdraw banking facilities without giving the customer sufficient notice to enable him to make other arrangements";*

Illi dawn ir-regoli ma jidhrux li m'humiex applikabbli għalina wkoll, s'intendi dment li ma jkunx hemm xi ftehim espress għall-kuntrarju;

Illi f'ċirkostanzi normali jista' talvolta jkun hemm dubju jekk Bank li ħalla kont kurrent ta' klijent miftuħ, kienx *intitolat li jagħmel hekk*. *Din hi* spiss kwistjoni ta' apprezzament ta' provi u għalhekk huma applikabbli s-soliti regoli tal-proċedura fir-rigward;

Illi l-Perit Legali ċċita żewġ sentenzi tat-Tribunali tagħna li jirrikonoxxu l-prinċipju li meta l-bilanċ f'*kont* kurrent bankarju *jiġi rikonoxxut* u kanonizzat b'sentenza, il-kont kurrent għandu jitqies itterminat u likwidat. Din il-Qorti, kif presjeduta naturalment taqbel ma' dawn is-sentenzi, iżda bir-rispett ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni li tahom l-Għaref Perit Legali. Fis-sentenza "**Bankier John Scicluna *vs* Avukat Dr. Michele Tufigno *et noe*"** (Vol. XXX-III-480) il-Qorti semmiet li l-imgħaxijiet komposti jkunu dovuti "dment illi l-kont kurrent ikun għadu **fil-kors tiegħu**". Ma hemm xejn f'din is-sentenza li *jsostni t-teżi tal-Perit* Legali li n-nuqqas ta' ħruġ ta' *cheques* jimporta li l-kont ma jibqax "fil-kors tiegħu". Fis-sentenza l-oħra "**Cecil Busuttil *noe vs* Alfred Spiteri Debarro**" mogħtija *fil-15 ta'* Jannar, *1979*, minn din il-Qorti presjeduta mill-wisq kompjant Onor. Dr. George Schembri, ma ddeċidiex li l-kont kurrent ġie tterminat peress li l-konvenut f'*dik* il-kawża "ma *għamel* ebda użu iżjed mill-faċilitajiet ta' *l-overdraft* lilu oriġinarjament mogħtija". Għall-kuntrarju l-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-kont kurrent *ġie tterminat* bis-saħħa tas-sentenza preċedenti li kkanonizzat il-Bank u li fiċ-ċitazzjoni relattiva kien ġie espressament indikat fil-premessi li l-Bank kien talab lill-konvenut biex jagħlaq il-kont kurrent. In-nuqqas ta' użu tal-faċilitajiet ta' l-*overdraft* kien jikkonferma li l-kont ingħalaq, però l-Qorti żiedet tgħid li "kien ikun hemm xi ftit ta' kontrosens, li wara s-sentenza tat-*23* ta' Jannar, 1973 li kieku l-konvenut ġie mħolli li jerġa' jibda jopera u jagħmel użu mill-faċilitajiet

lilu mogħtija qabel, u jiġbed flus mill-bank mingħajr ma jsiru xi arranġamenti u ftehim ġdid'';

Illi kif diġà ntqal, il-partijiet f'kont kurrent Bankarju għandhom id-dritt li meta jidhrilhom jieħdu l-miżuri addattati biex jipprovokaw il-kjusura ta' kont kurrent. Iżda, fil-fehma kkonsiderata tal-Qorti, ebda parti ma tista' unilateralment tibdel jew tipprovoka t-tibdil ta' xi kondizzjoni jew element li jkunu parti integrali mill-kuntratt skond il-ftehim u/jew l-użu bankarju. Il-qorti ma taqbilx ma' dak li rritjena l-Perit Legali u ċjoè li n-nuqqas ta' operazzjoni tal-kont kurrent da parti tal-klijent ikollu l-effett li s-sistema tal-komputazzjoni ta' l-interessi tkun trid tinbidel awtomatikament. Il-Qorti infatti tirravviża ċerta perikolożità li kieku din kienet il-posizzjoni legali korretta għaliex evidentement il-Banek, malli jindunaw li l-klijent mhux qiegħed jopera l-kont regolarment bl-attwità ta' qabel, ikunu kostretti, biex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom, li immedjatament jagħmlu *''call in''* bir-riżultat li l-faċilitajiet ta' kreditu mogħtija jsofru restrizzjoni b'dannu għall-kummerċ;

Illi l-għaref Perit Legali kkummenta li l-kuntratt bejn il-kontendenti tas-17 ta' Settembru, 1969 kien għal kollox *''loaded''* favur il-bank u kkummenta li wieħed ''ma jistax jiggranfa ma' dawn il-kondizzjonijiet biex jiġġustifika l-inġustifikabbli'' (ara fol. 119). Allura l-Perit donnu li skarta kompletament il-kondizzjonijiet li l-partijiet ftiehmu li għandhom jirregolaw ir-relazzjonijiet bejniethom;

Illi bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbilx ma' dan peress li hu risaput illi l-kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom u li l-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew

għal raġunijiet magħrufin mil-liġi (artikolu 1035 Kodiċi Ċivili);

Illi l-abili *difensur* tal-konvenut ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għall-klawsola *infraskritta* tal-kuntratt *imsemmi* u ġibed is-segwenti konklużjonijiet:

"Illi bil-kuntratt *tas*-17 *ta'* Settembru, 1969 l-attur intrabat *li:*

*"The engagements of the debtor on this deed shall be continuing ones and shall remain in force for all the time he shall have an account with the Bank* ***and until*** *the aforesaid hypothec is cancelled,* ***notwithstanding that such account or accounts shall have been in credit or dormant for any length of time";***

Minn din il-klawsola kuntrattwali wieħed jista' jiġbed żewġ konklużjonijiet:

(1) Li skond il-kuntratt li l-attur iffirma, l-obbligi *tiegħu* – fosthom dak illi jħallas l-imgħax kif miftiehem f'dak il-kuntratt "*on daily debit balance with the Bank in accordance with recognised banking practice*" – għandhom iseħħu u jibqgħu jseħħu sakemm ma jħallasx il-bilanċ kollu u l-ipoteka tiġi kkanċellata. Infatti l-attur mhux biss għad għandu kont mal-Bank (fil-passiv iżda xorta waħda kont) iżda għadha wkoll veljanti l-ipoteka relattiva; u

(2) Xejn ma jiswa li huwa jgħid li l-kont ilu "*dormant*" għaliex anke jekk għall-grazzja ta' l-argument wieħed kellu jaċċetta li mhux minn Mejju, 1971 l iżda minn data ferm aktar riċenti, ċjoè t-8 ta' Jannar, 1979 il-kont kurrent ta' l-attur kien "*dormant*" xorta waħda huwa għandu jħallas l-imgħax skond

l-użu bankarju għaliex hekk intrabat li jagħmel, u dak l-irbit kien perfettament legali'';

Illi din il-Qorti taqbel ma' l-istess difensur illi anke bis-saħħa ta' din il-klawsola konvenuta bejn iż-żewġ konvenuti f'din il-kawża, il-Bank konvenut kellu kull dritt li jibqa' jesiġi li jitħallsu imgħaxijiet komposti skond l-użu u l-konswetudini bankarju fil-materja;

Illi għalhekk jidher ċar li l-eċċezzjoni tal-konvenut hija ġustifikata b'dana però li in kwantu fl-eċċezzjoni tissemma s-somma ta' Lm4068.26,4, ikun irid isir aġġustament f'din is-somma in vista għall-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti referibilment għall-ilment ta' l-attur, li ġie milqugħ, dwar ir-realizzazzjoni taż-żewġ *Fixed Deposits* imsemmija fil-Korp ta' din is-sentenza;

Rat in-nota ta' l-Appell ta' l-attur appellant ippreżentata fil-25 ta' Novembru, 1985;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attur appellant Joseph Mary Farrugia ppreżentata fl-10 ta' Diċembru, 1985 li biha l-attur appellant talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata, fuq imsemmija tal-15 ta' Novembru, 1985, fl-ismijiet premessi, billi tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-appellat u tilqa' t-tabliet ta' l-appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ kienet iddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* u konsegwentement ċaħdet it-talbioet ta' l-attur u dan bl-ispejjeż kontra tiegħu. L-attur interpona appella minn din is-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1985, għal quddiem din il-Qorti. Għad li l-attur appellant fejn semma' l-aggravji tiegħu enumera bħala tali diversi ilmenti, l-aggravju prinċipali tiegħu li fil-fehma ta' din il-Qorti jikkomprendi wkoll l-oħrajn huwa is-segwenti. *L-*appellanti ssottometta li waqt li l-ewwel Qorti kienet aċċettat il-prinċipju li s-sistema normali ta' komputazzjoni ta' l-imgħaxijiet komposti ma jibqax japplika meta l-kont kurrent jiġi tterminat u li wara, dan jibda japplika s-sistema normali, ma kinitx waslet għall-konklużjoni li l-kont kurrenti in kwistjoni kien ġie effettivament itterminat b'deċiżjoni tal-Bank appellat stess;

Illi l-kwistjoni kollha ta' bejn il-kontendenti tirrigwarda s-somma ta' flus li l-Bank appellat qed jippretendi li għad fadallu jieħu mingħand l-attur u dan bħala bilanċ ta' somma ferm akbar li kienet ġiet prestata lilu b'*overdraft* permezz tal-kuntratt tas-17 ta' Settembru, 1969, ippubblikat min-Nutar Dr. Francis Micallef. L-attur appellant qiegħed jippretendi li ma għandux iħallas il-bilanċ ta' Lm4068.26,4, pretiż mill-Bank (Dok. B fol. 11) billi kwalunkwe debitu li talvolta kien dovut minnu lill-imsemmi Bank kien ġie attwalment kollu mħallas. Fejn mhux qegħdin jaqblu l-kontendenti huwa rigward il-komputazzjoni ta' l-imgħax fuq l-ammont pendenti minn Mejju, 1971. L-attur jissottometti li l-Bank appellat ma kellux dritt jibqa' jikkomputa l-imgħaxijiet fuq il-kont kurrent wara dik id-data bis-sistema bankarja użata dwar *overdrafts*. L-attur in fatti qiegħed jallega li l-kont tiegħu li fuqu hemm il-kwistjoni ma baqax jitħaddem wara Mejju, 1971. Fil-każ ta' *overdrafts* l-imgħaxijiet kienu jiġu miżjuda kull sitt xhur fuq il-bilanċ li jkun dovut ta' kull jum

u bil-*ledger charges* relattivi. Il-pretensjoni tiegħu hija li l-*overdraft facilities* mal-Bank appellat kienu ġew itterminati mill-istess Bank u kwindi minn dak in-nhar 'il quddiem dawn l-imgħaxijiet kellhom jiġu kkalkolati bis-sistema normali stabbilit fil-Kodiċi Ċivili;

Illi l-posizzjoni legali dwar din il-materja ġiet trattata fit-tul mill-għaref perit legali nnominat mill-ewwel Qorti fir-relazzjoni tiegħu. Saret riferenza għal żewġ istanzi mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, waħda fil-25 ta' April, 1940, fl-ismijiet "*Bankier John Scicluna vs* Dr. Michael Tufigno *et noe*" u l-oħra fil-15 ta' Jannar, 1979, fl-ismijiet "Cecil Busuttil *noe vs* Alfred Spiteri De Barro". Fl-ewwel waħda dik il-Qorti kienet ippronunzjat ruħha fis-sens li "fil-każ ta' kont kurrent il-Banek jistgħu jikkapitalizzaw l-interessi għal żmien inqas minn sena u dan skond użu rikonoxxut anki mill-Qrati tagħna; imma meta tkun saret il-kjużura u l-likwidazzjoni tal-kont kurrent, din il-kapitalizzazzjoni ma tistax issir jekk mhux skond il-liġi". (Vol. XXX p. III paġ. 480). It-tieni sentenza mogħtija mill-istess Qorti wkoll tenniet il-prinċipju li *una volta* jkun itterminat il-kont kurrent il-bank ma jistax ikompli jaddebita lill-klijent tiegħu bl-imgħaxijiet komposti kif spjegat aktar 'il fuq, u dan a bażi ta' l-użu kummerċjali u l-prattika bankarja. In fatti f'din is-sentenza tal-15 ta' Jannar, 1979, insibu wkoll affermazzjoni tal-fatt li s-sistemza ta' komputazzjoni ta' l-imgħaxijiet f'konti kurrenti kif adoperati mill-Bank hija illegali u dan minħabba l-użu kummerċjali viġenti fuq il-materja. Dan il-prinċipju jinsab ukoll affermat fis-sentenzi li l-istess Qorti rriferiet għalihom;

Illi fil-kawża "Cecil Busuttil *noe vs* Alfred Spiteri Debarro" fuq ċitata, il-Bank attur kien talab lill-Qorti biex tawtorizzah jesegwixxi sentenza tat-23 ta' Jannar, 1973 fl-istess ismijiet billi

kienu għaddew aktar minn tliet snin minn meta setgħet tiġi esegwita, b'liema kawża l-konvenut kien ġie kkundannat iħallas lill-attur somma ta' flus. Il-kwistjoni qamet rigward l-imgħax. In effetti l-Bank kien baqa' jiddebita lill-konvenut bl-imgħaxijiet komposti. Il-Qorti kienet qalet f'dan ir-rigward li "l-effett ta' l-imsemmija sentenza tat-23 ta' Jannar, 1973 kien li l-Qorti kienet ikkanonizzat il-kreditu ta' l-attur, kif kien jirriżulta fil-ġurnata tal-kjużura tal-kont". B'ebda mod ma qalet din il-Qorti li l-kjużura tal-kont kienet ġiet effettwata bis-sentenza stess. Il-fatt stess, li l-konvenut f'dik il-kawża ma kienx għamel ebda użu aktar mill-faċilitajiet ta' l-*overdraft* mogħtija mill-Bank ġie kkunsidrat mill-istess Qorti bħala *terminazzjoni*. Intqal ukoll "li l-attur mhux ġustifikat li hu jkompli jikkonsidra dan il-kont kurrenti bħala li baqa' miftuħ sabiex ikompli jaddebita lill-konvenut bl-imgħaxijiet komposti kif fuq ingħad u għalhekk jinħtieġ li l-imgħaxijiet jiġu aġġustati b'mod li jiġu kkalkolati bit-8% kif qalet is-sentenza tat-23 ta' Jannar, 1973 bħala interessi sempliċi;

Illi *una volta* stabbiliti dawn il-prinċipji jibqa' l-kompitu ta' din il-Qorti li teżamina bir-reqqa l-provi kollha prodotti f'din il-kawża biex jiġi stabbilit jekk fil-fatt kienx hemm terminazzjoni tal-faċilitajiet bankarja konċessi lill-appellanti kif allegat minnu jew inkella baqax fil-kors tiegħu l-kont kurrent "*de quo*" kif, jippretendi li kien il-Bank appellat;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur kien ġie konċess b' "*overdraft facilities*" permezz tal-kuntratt tas-17 ta' Settembru, 1969, li kopja tiegħu tinsab esibita a fol. 7 tal-proċess. Skond l-istess kuntratt, l-attur seta'

jagħmel użu mill-*Overdraft* sa l-ammont massimu ta' Lm46,000. Ftit granet wara l-10 ta' Mejju, 1971 kien bagħat għalih il-Bank appellat permess tas-Sur Vella li nfurmah "biex ma joħroġ *cheques* aktar għax ma kinux ser jiġu onorati stanti li l-"*business*" ta' l-artijiet u bini kien spiċċa" (fol. 91). Qallu wkoll li hu kellu jħares lejn dak il-kont biss għall-finijiet ta' riduzzjoni. Dak in-nhar, il-kont kien juri passiv ta' £49,627.2s.8d. L-attur ipprotesta minħabba "*commitments*" li kellu rigward ħlasijiet ta' ċnus fuq il-proprjetà tiegħu, iżda dan kien kollu għal xejn. Ipprova jakkwista Lm6,000 mill-istess bank biex jiftaħ ħanut tad-deheb però dan ukoll kien għal xejn;

Illi appena l-*Bank of Valleta* ħa f'idejh "*Tagliaferro's Bank*" dan kitiblu fl-10 ta' April, 1974 (Dok. A.A) fis-sens li talbu biex jagħmel proposti lill-Bank ta' kif kien bi ħsiebu jħallas il-bilanċ dovut li sa dak in-nhar kien laħaq l-ammont ta' Lm60,400.25,9. *Id-differenza bejn din is-somma u dik ta' £49,627.2s.8d. kienet* kollha dovuta għall-imgħax li kien qiegħed jiġi akkumulat. Fid-19 ta' Lulju, 1974, il-Bank reġa' kitiblu "*to clear your overdraft substantially by the end of March, 1975.* Qabel l-aħħar ta' Marzu, 1975, l-attur irċieva ittra oħra, din id-darba miċ-*Chairman,* is-Sur Danny Cremona li nvoka l-klawsola Nru. 11 tal-kuntratt ta' l-*Overdraft*. Skond din, il-Bank kien intitolat jitlob lid-debitur li jħallas kwalunkwe bilanċ li seta' kien dovut. *Attwalment l-ammont ta' flus li kien għamel użu minnhom l-*attur kien xi Lm42,000 il-bilanċ kif ġà ntqal kien kollu imgħaxijiet komputati skond il-prattika bankarja. Huwa ġie infurmat personalment li l-kont tiegħu kien miftuħ "*for reducing purposes only*";

Illi l-kont ta' l-attur kien beda niżel billi huwa kien beda jbiegħ il-proprjetà tiegħu u jiddepożita l-introjtu. Anke meta l-

kont kien nieżel Lm6,000 u hu kellu bżonn jagħmel użu *mill*-kont kurrent għan-negozju, it-talba tiegħu kienet ġiet irrifjutata. L-attur kien irċieva ittra uffiċjali fl-1974 għall-ħlas ta' Lm65,000 u *oħra fl-1975 għal tletin elf lira* (*Lm30,000*). Kull darba li hu talab biex jitħalla jagħmel użu mill-faċilitajiet "*de quo*", kienet tingħatalu din ir-risposta: "*Tista' ma tgħidli xejn: dak reducing only*". Jirriżulta wkoll mill-korrispondenza kollha esebita li l-Bank appellat għad li kien waqqaf lill-attur milli joħroġ *cheques* fuq dak il-kont kien jinsisti b'mod rigoruż u regolarment ma' l-appellant biex dan jissodisfa l-bilanċ li kien fadallu u dan dejjem bil-minaċċja *li jittieħdu* passi ulterjuri. Nonostante l-insistenza tiegħu l-Bank wara li kull darba jagħti terminu lill-attur għall-ħlas tal-bilanċ u dan jonqos, xorta kien jerġa' jestendilu ż-żmien. Dan l-aġir min-naħa tal-Bank però b'ebda mod ma jista' jiġi miftiehem li hu kien lest ikompli bil-*banking facilities*. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-konklużjoni li wasal għaliha l-perit legali li "*l-ittri pjuttost kienu juru li l-Bank kien deċiż li dawn* (*il-Banking facilities*) ma jitkomplewx" (fol. 127). L-estensjoni taż-żmien li l-Bank kien jagħti lill-attur wara li jkun skada t-terminu li jkun imponielu, kienet tirrigwarda biss it-theddida li l-Bank kien jagħmel u ċjoè l-"*Call for immediate payment*". Kemm-il darba l-attur bagħat jitlob lill-Bank appellat kien jitħalla "*to re-open my overdraft facilities with your bank*". Fil-fatt tali talba qatt ma ġiet milqugħa lanqas meta l-bilanċ passiv kien ridott ħafna;

Illi f'dan il-każ, il-provi prodotti jindikaw li l-Bank appellat sa mill-bidu nett filwaqt li kien waqqaf lill-attur milli jkompli jagħmel użu mill-faċilitajiet li kienu mogħtija lilu bil-kuntratt "*de quo*", kien beda *jissikka u jinsisti ma' l-attur biex iħallas* kwalunkwe somma li biha hu kien jinsab "*overdrawn*". Jirriżulta wkoll li l-attur minn meta kien ġie mitlub biex iħallas mill-ewwel

beda jieħu ħsieb biex jillikwida l-assi li kellu biex proprju jissodisfa lill-istess Bank rigward il-pendenzi li kien għad hemm. In fatti jidher li l-attur aderixxa sew mat-talbiet persistenti ta' l-appellat, u effettivament ħallas kollox;

Illi wara li eżaminat bir-reqqa kollha l-provi, din il-Qorti waslet għall-istess konklużjoni tal-perit legali nnominat mill-ewwel Qorti u ċjoè li l-appellat wara Mejju, 1971 ma kienx ġustifikat jikkunsidra l-kont ta' l-appellant *"in operation"*. Għandu jingħad hawn però li nonostante l-insistenza tiegħu ma' l-appellant għall-ħlas tal-bilanċ u nonostante wkoll li l-attur ma tħalliex jagħmel ebda użu mill-faċilitajiet bankarji *"de quo"*, il-Bank appellat ma baqax lura li jkompli fil-mori ta' kemm dam biex jiġi saldat il-kont, jaddebita lill-attur bl-imgħaxijiet komposti skond il-prattika, ħaġa li fil-fehma tal-perit legali u ta' din il-Qorti ma setax jagħmel;

Illi waqt il-kawża l-appellant għamel żewġ kontestazzjonijiet. Waħda tirrigwarda l-akkreditament ta' Lm6000 liema ammont kien jirrappreżenta l-inkass ta' żewġ *Fixed Deposits* Numru 41117 u 41118 ta' Lm3000 il-wieħed li l-Bank kien żamm f'idejh bħala "kollaterali". Il-Perit Legali wara li kien eżamina din il-kontestazzjoni kkonkluda li minħabba l-għaġla da parti tal-Bank appellat l-appellant ġie li tilef l-ammont ta' Lm300 f'interessi li kienu jkunu dovuti kieku l-akkreditament sar kif kellu jsir fil-jum tal-maturazzjoni taċ-ċedola ċjoè fit-12 ta' April, 1975. Din il-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni tal-perit legali;

Illi l-kontestazzjoni l-oħra ta' l-attur tirrigwarda l-addebitament li sarlu fit-8 ta' April, 1976 ta' l-ammont ta' Lm403.32,5. Din is-somma ġiet fil-fatt imħallsa mill-Bank appellat lill-Perit Carmelo Falzon *"in respect of valuation of the*

*property backing the present indebtedness*" ta' l-attur appellant (fol. 78). L-attur appellant fl-aħħar xhur tas-sena 1971 kien ġie mitlub mill-Bank biex jagħtih lista "*up to date*" tal-proprjetà kollha. Wara li tahielu l-appellat kien infurmah li "skond il-kuntratt il-Bank kien ser jinkariga perit biex jagħmel stima ta' dik il-proprjetà (fol. 95) u talbu biex jakkompanja lill-perit biex jispezzjonaha. L-attur aċċetta li jakkompanja l-istess perit però wara li kkonsulta ruħu mal-kuntratt "*de quo*" informa lill-*Advances Manager* li l-ispejjeż tal-periti kellhom jiġu sopportati mill-Bank. Fuq din l-oġġezzjoni ma tax risposta definittiva però xorta waħda akkompanja lill-Perit Falzon u għenu fl-indaġini tiegħu. L-appellant ta ittra lill-perit fejn wera l-oġġezzjoni tiegħu għal xi pretensjoni ta' spejjeż in konnessjoni mas-servizzi tiegħu. Kopja ta' l-istess ingħatat lill-*Advances Manager*. F'din l-ittra (fol. 79) l-attur għamilha ċara lill-Perit "*that you represent the Bank and the Bank alone and that I shall be under no financial obligation to you or to the Bank for this purpose*". Il-Bank appellat xorta waħda addebita l-kont tal-Perit Falzon lill-appellant. Id-*debit notice* relattiva tinsab esibita bħala Dok. OO a fol. 78 tal-proċess. Fil-fehma tal-perit legali l-Bank kellu kull dritt li jqabbad lill-perit tiegħu biex jagħmel l-istima "*de quo*" u li jaddebita l-kont ta' l-istess Perit lill-appellant. Il-perit legali qal "li hu dritt li jemerġi mhux biss mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejn bank u klijent iżda wkoll mill-istess kuntratt li l-attur iffirma mal-Bank fis-17 ta' Settembru, 1969" (fol. 9);

Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti l-perit legali ma kienx korrett f'din il-konklużjoni tiegħu. F'dan il-każ ir-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti fuq din il-materja huma rregolati biss mill-kuntratt ta' bejniethom u speċifikament mill-klawsola kkonċernata fl-istess. Skond din il-klawsola "*Debtor undertakes to give the Bank*

*full details and all information relating to his financial position as requested by the Bank form time to time and to accord to the Bank every facility for the verification thereof".* In effett l-appellant kien ikkonsenja lill-Bank appellat lista tal-proprjetà tiegħu kollha. Jirriżulta mill-provi li l-appellant ikkopera mal-Bank f'dak kollu li ġie mitlub jagħmel inkluż li jillikwida l-assi tiegħu biex iħallas lill-istess il-bilanċ dovut. Mill-kliem *"and to accord to the Bank every facility for the verification thereof"* joħroġ l-obbligu tad-debitur li *jassisti lill-istess Bank* biex jivverifika l-informazzjoni mogħtija, però l-interpretazzjoni ta' dawn il-kliem ma tistax tiġi estiża għall-ħlas ta' perit li jiġi mqabbad mill-Bank biex jagħmel l-istess *"de quo"*. L-appellant fil-fehma tal-Qorti ssodisfa din il-klawsola billi akkompanja lill-perit Falzon fl-ispezzjoni tal-proprjetà tiegħu u billi tah kwalunkwe informazzjoni li kien jirrikjedi. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk il-kontestazzjoni da parti ta' l-appellant rigwardanti l-ammont *addebitat lilu ta' Lm403.32,5, drittijiet tal-Perit Falzon* hija valida. Kwindi mis-somma li wasal għaliha l-perit legali ta' Lm677.37,4, bhala *"credit balance"* favur l-attur appellant, trid tiżdied ukoll is-somma ta' Lm403.32,4. Hlief għal dak li ntqal aktar 'il fuq dwar il-kont tal-Perit Carmelo Falzon din il-Qorti taqbel ma' dak li qal l-għaref relatur fir-relazzjoni tiegħu. Fil-mument tal-preżentata taċ-ċitazzjoni ebda ammont ma kien dovut mill-attur lill-Bank konvenut u għalhekk m'hemmx raġuni għaliex l-iskrizzjoni ipotekarja Numru I 10381/1969 għandha tibqa' veljanti;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tirrevoka s-sentenza appellata tal-15 ta' Novembru, 1985, fl-ismijiet premessi, tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-appellat u tilqa' t-talbiet ta' l-appellanti u għalhekk tiddikjara u tiddeċidi illi llum l-ebda ammont kwalsiasi ma huwa dovut mill-attur lill-konvenut

appellat *nomine* fuq il-kont kurrent *(Overdraft)* lilu oriġinarjament konċess mill-istess konvenut *nomine* in forza taċ-ċitat att fiċ-ċitazzjoni ppubblikat min-Nutar Francis Micallef tas-17 ta' Settembru, 1969, u kkawtelat permezz ta' l-indikata Nota ta' Ipoteka Ġenerali numru 10381/1969 u konsegwentement tordna l-kanċellazzjoni ta' l-istess imsemmija Nota Ipotekarja numru 1 10381/1969 sallum iskritta fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta kontra l-attur u favur il-konvenut *nomine;*

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu sopportati mill-konvenut appellat.